

32002L0005

5.2.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 34/7

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2002/5/KE

tat-30 ta' Jannar 2002

li temenda l-Anness II mad-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE rigward il-fissar tal-livelli massimi għall-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-hexx ta' l-ikel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar il-fissar tal-livelli massimi għall-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa jew fuq il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħaxix ta' l-ikel⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/57/KE⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

- (1) Għaċ-ċereali u l-prodotti li joriġinaw mill-pjanti inklużi l-frott u l-ħaxix ta' l-ikel, il-livelli tal-fdalijiet jirriflettu l-użu tal-kwantitajiet minimi meħtieġa sabiex tinkiseb il-protezzjoni effettiva tal-pjanti, applikati b'mod hekk illi l-ammont tal-fdalijiet ikun baxx kemm jista' jkun kif ukoll aċċettabbli, wara li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-ħarsien ta' l-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumaturi notabbilment f'termini tat-teħid smat tad-dieta mill-konsumaturi. Il-livelli massimi tal-fdalijiet fil-Komunità (LMFijiet) jirrappreżentaw l-ogħla limitu għall-ammonti ta' dawn il-fdalijiet li jistgħu jinstabu fl-oġġetti tad-dar meta jkun għew irrispettati prattiki tajbin tal-biedja mill-produtturi.
- (2) L-LMFijiet għall-pestiċidi għandhom jinżammu taħt osservazzjoni u jistgħu jinbidlu sabiex jitqiesu t-tagħrif u l-informazzjoni ġodda. Il-livelli massimi tal-fdalijiet huma ffissati fil-livell l-aktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament fejn l-użi awtorizzati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jirriżultawx fil-livelli tal-fdalijiet tal-pestiċidi li jistgħu jiġu osservati ġewwa jew fuq il-prodott ta' l-ikel, jew fejn ma jkunx hemm użi awtorizzati, jew fejn l-użi li jkun għew awtorizzati mill-Istati Membri ma jkunux għew appoġġjati mill-informazzjoni meħtieġa, jew fejn l-użi f'pajjiżi terzi li jirriżultaw fi fdalijiet ġewwa jew fuq il-prodotti ta' l-ikel li jistgħu jidħlu fiċ-ċirkulazzjoni fis-suq tal-Komunità ma jkunux għew appoġġjati mill-informazzjoni meħtieġa.
- (3) Wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/42/KE⁽³⁾, il-Kummissjoni rċeviet talbiet, appoġġjati minn iktar informazzjoni, sabiex tirrevedi l-LMFijiet għall-lambda-ċijalotrin u l-amitraz fuq ċerti oġġetti ta' l-ikel iffissati bid-Direttiva 2000/42/KE. L-applikazzjonijiet

u l-informazzjoni ġew irriweduti, u għal uħud mill-kombinazzjonijiet, l-informazzjoni kienet biżżejjed sabiex jiġi għustifikat il-fissar ta' LMF 'il fuq mil-limitu l-aktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament. Għall-kombinazzjonijiet oħra t-tagħrif disponibbli jibqas' mhux adegwat u huwa xieraq li l-LMFijiet jiġu ffissati fil-limitu l-aktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament. Għal iktar kombinazzjonijiet oħra t-tagħrif issa disponibbli huwa biżżejjed sabiex juri illi l-fissar ta' LMF 'il fuq mil-limitu l-aktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament jista' joħloq espożizzjoni akuta jew kronika mhux aċċettabbli mill-konsumaturi għall-fdalijiet. F'dawn il-każijiet, l-LMFijiet għandhom jibqgħu ffissati fil-limitu l-aktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament.

- (4) It-tagħrif fuq l-użi ġodda jew mibdula taċ-ċipermeterin fuq l-asparagu, l-ete fon fuq l-ananas, il-fenbutatinossi fuq il-bżar, il-metalazil fuq il-basal l-aħdar (tar-rebbiegħa), l-aċefat fuq il-ħawħ u l-klorotalonil fuq il-krafes ġie nnotifikat lill-Kummissjoni u evalwat. Fid-dawl ta' dan it-tagħrif huwa appropjat li jiġu mmodifikati l-LMFijiet eżistenti speċifikati fl-Anness mad-Direttiva.
- (5) L-espożizzjoni tul il-ħajja tal-konsumaturi għal kull wieħed mill-pestiċidi f'din id-Direttiva permezz tal-prodotti ta' l-ikel għet stmata u evalwata skond il-proċeduri u l-metodi użati fl-Unjoni Ewropea filwaqt li tqiesu l-linji gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa⁽⁴⁾ u huwa kkalkolat illi l-LMFijiet iffissati f'din id-Direttiva ma jwasslux sabiex jinqabeż il-konsum ta' kuljum aċċettabbli.
- (6) Fejn rilevanti, għet stmata u evalwata l-espożizzjoni akuta tal-konsumaturi għal dawn il-pestiċidi permezz ta' kull wieħed mill-prodotti ta' l-ikel li jista' jkun fihom il-fdalijiet ta' dawn il-pestiċidi skond il-proċeduri u l-prattiki użati fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li tqiesu l-linji gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Huwa kkalkolat illi l-livelli massimi tal-fdalijiet iffissati fid-Direttiva preżenti ma jikkawżawx effetti tossiċi akuti.
- (7) Permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-imsieħba kummerċjali tal-Komunità ġew ikkonsultati dwar il-livelli ffissati f'din id-Direttiva u l-kummenti tagħhom dwar dawn il-livelli ġew ikkunsidrati.

⁽¹⁾ ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71.

⁽²⁾ ĠU L 208, 1.8.2001, p. 36.

⁽³⁾ ĠU L 158, 30.6.2000, p. 51.

⁽⁴⁾ Il-linji gwida sabiex jitbassar it-teħid djetarju tal-fdalijiet tal-pestiċidi (irriweduti), imħejjija mill-GEMS/Programm ta' l-ikel b'kollabarazzjoni mal-Kumitat Codex dwar il-Fdalijiet tal-Pestiċidi, ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa 1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

- (8) Tqiesu l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku tal-Pjanti, b'mod partikolari l-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu fejn jirrigwardaw il-protezzjoni tal-konsumaturi mill-prodotti ta' l-ikel ittrattati bil-pestiċidi. Il-metodoloġija deskritta mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, riferita hawn fuq, kif applikata mill-Istati Membri rapportaturi, u mmonitorjata u evalwata mill-Kummissjoni permezz tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti, hija konsistenti mal-gwida mogħtija mill-Kumitat Xjentifiku tal-Pjanti.
- (9) Id-Direttiva 90/642/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq u għandha tidħol fis-seħħ minnufih.
- (10) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-livelli massimi tal-fdalijiet elenkati fl-Anness ma' din id-Direttiva jridu jieħdu l-post ta' dawk elenkati fl-Anness II mad-Direttiva 90/642/KEE għall-pestiċidi fil-kwistjoni.

Artikolu 2

Il-livelli massimi tal-fdalijiet elenkati fl-Anness II mad-Direttiva 90/642/KEE huma rigward il-kombinazzjonijiet ta' l-oġġetti tad-dar dwar il-pestiċidi riferiti f'din id-disposizzjoni, sabiex jiġu mibdula b'dan li ġej: iċ-ċipermetrin fuq l-asparagu: 0,1 mg/kg, l-etefon fuq l-ananas: 2 mg/kg, il-fenbutatinossid fuq il-bżar: 1 mg/kg, il-metalażil fuq il-basal aħdar (tar-rebbiegħa): 0,2 mg/kg, il-metalażil fuq "l-iscarole (l-indivja tal-werqa wiesgħa)" u l-ħxejjex aromatiċi: 1 mg/kg, il-klorotalonil fuq "is-celeriac": 1 mg/kg, l-aċefat fuq "il-ħawħ": 0,2 mg/kg (1).

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex iħarsu din id-Direttiva l-aktar tard sal-31 ta' Awissu 2002. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Għandhom japplikaw dawn il-miżuri mill-1 ta' Settembru 2002.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif din ir-referenza trid issir.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-30 ta' Jannar 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membre tal-Kummissjoni

(1) Sakemm isiru l-provi għat-tieni staġun, ir-riżultati jridu jiġu sottomessi qabel l-1 ta' Settembru 2002.

ANNEX

Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom applikaw l-LMFijiet	Il-fdalijiet tal-pestiċidi u l-livelli massimi tal-fdalijiet (mg/kg)	
	Il-Lambda-ċijalotrin	L-Amitraz (is-somma ta' l-amitraz flimkien mal- metaboliti kollha tiegħu li jkun fihom il-medja tat- 2,4 dimetil anilina moiety espress bħala amitraz)
1. Il-Frott, frisk, imnixxef jew mhux imsajjar, ippriżervat bil-friża, li ma jkunx fih zokkor miżjud; il-ġewż		
(i) IL-FROTT TAĊ-ĊITRU		0,05 (*)
It-tronġ	0,1	
Il-lumi		
Il-Lime		
Il-Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra)		
Il-larinġ	0,1	
Il-Pomelos	0,1	
Oħrajn	0,02 (*)	
(ii) IL-ĠEWŻ TAS-SIĠAR (imqaxxar jew bil-qoxra)	0,05 (*)	0,05 (*)
Il-Lewż		
Il-Brażil nuts		
Il-Ġewż Cashew		
Il-Qastan		
Il-Ġewż ta' l-Indi		
Il-Ġellewż		
Il-Ġewż Makadamja		
Il-Pecan		
Iż-Żerriegħa tal-Prinjol		
Il-Pistaċċi		
Il-Ġewż		
Oħrajn		
(iii) IT-TUFFIEH	0,1	0,5
It-Tuffieħ ta' Belludja		
Il-Lanġas		
Il-Quince		
Oħrajn		
(iv) IL-FROTT TA' L-GĦADMA		0,05 (*)
Il-Berquq	0,2	
Iċ-Ċirasa		
Il-Ħawħ (inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili)	0,2	
L-Ġhajnbaqar		
Oħrajn	0,1	
(v) IL-BERRIES U L-FROTT IRQIQ		0,05 (*)
(a) L-Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid	0,2	
L-Għeneb tal-mejda		
L-Għeneb ta' l-inbid		
(b) Il-Frawli (bl-eċċezzjoni ta' dak selvaġġ)	0,5	
(c) Il-Frott tal-Qsab (bl-eċċezzjoni ta' dak selvaġġ)	0,02 (*)	
It-Tut		
Id-Dewberries		
Il-Loganberries		
Ir-Raspberries		
Oħrajn		

Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom applikaw l-LMFijiet	Il-fdalijiet tal-pestiċidi u l-livelli massimi tal-fdalijiet (mg/kg)	
	Il-Lambda-ċijalotrin	L-Amitraz (is-somma ta' l-amitraz flimkien mal- metaboliti kollha tiegħu li jkun fihom il-medja tat- 2,4 dimetil anilina moiety espress bħala amitraz)
(d) Il-Frott irqiq l-ieħor u l-berries (bl-eċċezzjoni ta' dawk selvaġġi) Il-Bilberries Il-Canberries Il-Passolina (ħamra, sewda u bajda) Il-Gooseberries Oħrajn	0,1 0,1 0,02 (*) 0,2	
(e) Il-Berries selvaġġi u l-frott selvaġġ	0,2	
(vi) Mixxellanji L-Avocado Il-Banana It-Tamal It-Tin Il-Kiwi Il-Kumquat Il-Litchi Il-mangu Iż-żebbuġ Il-Passion fruit L-Ananas Ir-Rummien Ohrajn	0,02 (*)	0,05 (*)
2. Il-ħxejjex ta' l-ikel, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew nexfin		
(i) IL-ħXEJJEX TA' L-IKEL BL-GĦERUQ U T-TUBERU Il-Pitravi Il-Karrotti Is-Celeriac L-Għerq mustarda L-Artiċokk Iz-Zunnarija bajda L-Għerq tat-tursin Ir-Ravanell Is-Salsify Il-Patata ħelwa In-Nevev Il-Ġidra Il-Yam Oħrajn	0,1 0,1 0,02 (*)	0,05 (*)
(ii) IL-ħXEJJEX TA' L-IKEL TAL-BASLA It-Tewm Il-Basal Ix-Xalott Il-Basal aħdar (tar-rebbiegħa) Oħrajn	0,02 (*)	0,05 (*)
(iii) IL-ħXEJJEX TA' L-IKEL LI JAGĦTU L-FROTT (a) Is-Solanacea It-Tuffieħ tadam Il-Bżar Il-Brinġiel Oħrajn	0,1 0,1 0,5 0,02 (*)	0,5 0,5 0,05 (*)

Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom applikaw l-LMFijiet	Il-fdalijiet tal-pestiċidi u l-livelli massimi tal-fdalijiet (mg/kg)	
	Il-Lambda-ċijalotrin	L-Amitraz (is-somma ta' l-amitraz flimkien mal-metaboliti kollha tiegħu li jkun fihom il-medja tat- 2,4 dimetil anilina moiety espress bħala amitraz)
(b) Il-Kukurbit il-qoxra li tittiekel Il-Ħjar Il-Gherkin Il-Qara bagħli Oħrajn	0,1	0,05 (*)
(ċ) Il-Kukurbit il-qoxra li ma tittekel Il-Bettieħ Il-frott tal-genu kukurbita Id-Dulliegħ Oħrajn	0,05	0,05 (*)
(d) Il-qamħirrum	0,02 (*)	0,05 (*)
(iv) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL BRASSIKA		0,05 (*)
(a) Il-Brassika li tagħmel il-fjuri Il-Brokkoli (inkluż il-Kalabriż) Il-Pastard Oħrajn	0,1	
(b) Il-Brassika tar-ras Il-Brussel sprouts Il-Kaboċċi tar-ras Oħrajn	0,05 0,2 0,02 (*)	
(ċ) Il-brassika bil-weraq Il-Kaboċċi ċiniżi Il-Kale Oħrajn	0,02 (*)	
(d) Il-Ġidra	0,02 (*)	
(v) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-WERAQ U L-ĦXEJJEX AROMATIĊI FRISKI		0,05 (*)
(a) Il-Ħass u simili Il-Krexxun Il-Lamb's lettuce Il-Ħass L-Iscarole (l-indivja tal-weraq wiesgħa) Oħrajn	1	
(b) L-ispinaċi u ħxejjex simili L-ispinaċi Il-Weraq tal-pitravi (<i>chard</i>) Oħrajn	0,5 0,02 (*)	
(ċ) Il-krexxuni ta' l-ilma	0,02 (*)	
(d) Il-Witloof	0,02 (*)	
(e) Il-Ħxejjex aromatiċi Il-Maxxita Il-Kurrat selvaġġ It-Tursin Il-Weraq tal-krafes Oħrajn	1	
(vi) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL LEGUMI (friski) Il-Ful/Fażola (bil-miżwed) Il-Ful/Fażola (mingħajr miżwed) Il-Piżelli (bil-miżwed)	0,2 0,02 (*) 0,2	0,05 (*)

Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom applikaw l-LMFijiet	Il-fdalijiet tal-pestiċidi u l-livelli massimi tal-fdalijiet (mg/kg)	
	Il-Lambda-ċijalotrin	L-Amitraz (is-somma ta' l-amitraz flimkien mal- metaboliti kollha tiegħu li jkun fihom il-medja tat- 2,4 dimetil anilina moiety espress bħala amitraz)
Il-Piżelli (mingħajr miżwed) Oħrajn	0,2 0,02 (*)	
(vii) IL-ĦXEJJEJ TA' L-IKEL BIZ-ZOKK (friski)		0,05 (*)
L-Asparagu Il-Kardun Il-Krafes Il-Bużbież Il-Qaqoċċ Il-Kurra Ir-Rabarbu Oħrajn	0,3	
(viii) IL-FUNGI		0,05 (*)
(a) Il-Faqqiegħ ikkultivat (b) Il-Faqqiegħ selvaġġ	0,02 (*) 0,5	
3. Il-ħaxix tal-miżwed	0,02 (*)	0,05 (*)
Il-Ful/Fażola L-Għażż Il-Piżelli Oħrajn		
4. Iż-żerriegħa taż-żejt	0,02 (*)	
Iż-Żerriegħa tal-Kittien Il-Karawett Iż-Żerriegħa tal-Peprin Il-Ġulġien Iż-żerriegħa tal-ġirasol Iż-żerriegħa tal-lift Iż-Żerriegħa tas-soya Iż-Żerriegħa tal-Mustarda Iż-Żerriegħa tal-Qoton Oħrajn		1 0,05 (*)
5. Il-Patata	0,02 (*)	0,05 (*)
Il-patata bikrija Il-Patata li tinħażen		
6. It-tè (il-weraq u z-zkuk immnixxa, iffermentati jew mod ieħor, tal- <i>Camellia sinensis</i>)	1	0,1 (*)
7. Il-Ħopp (imnixxef), inklużi l-gerbub tal-ħopp u t-trab mhux ikkonċentrat	10	20

(*) Jindika l-limitu aktar baxx ta' kif jiġu stabbiliti analitikament.

Nota: Għall-konvenjenza tal-qarrej, l-LMFijiet huma indikati b'tipa ħoxna meta jirriflettu bidliet rigward l-LMFijiet fl-Annessi mad-Direttivi iktar bikrija mid-Direttiva 2000/42/KE; meta indikati b'tipi normali, ikunu huma re-iterazzjonijiet ta' LMFijiet eżistenti.